MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' April, 2003

Numru 483/1999

**Artikolu 18 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,**

**Il-Pulizija**
**Spettur David Saliba**
**V**

**PAUL ABELA**
**MICHAEL SCICLUNA**

**Seduta ta' llum, 22 ta' April 2003**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **PAUL ABELA** ta' tnejn w erbghin sena, bin Carmel u Helen nee Agius imwieled r-Rabat u joghod Plot 86, Triq ix-Xefaq, Had Dingli, detentur tal-Karta tal-identita` numru 113056M u **MICHAEL SCICLUNA** ta' wiehed u ghoxrin sena bin John u Maria Lourdes nee Cilia, imwieled Pieta u joqghod 'Lorjohn', Triq icilio Calleja,

Haz Zebbug, detentur tal-karta tal-identita numru 253378M gew mressqa quddiemha u akkuzati talli f'dawn l-ahhar sitt xhur qabel l-ghoxrin ta' Gunju 1999 f'hinijiet, lokalitajiet u cirkostanzi diversi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, u cioe diversi muturi tal-bahar (outboard), zewg pompi tal-ilma, zewg muturi tat-triq u mutur tal-hart, li l-valur taghhom huwa stmat li jeccedi l-elf lira maltin liema oggetti gew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex jbieghuhom jew imexxuhom.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat erbatax ta' Awissu 2002 esibit fl-atti a fol 127 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputati.

Rat li l-imputati fis-seduta tas-sebgha ta' April 2003 ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni sabiex din il-kawza tigi deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet lil imputati jirregistraw ammissjoni fil-presenza tal-Avukati Difensuri taghhom u dan fl-istess seduta tas-sebgha ta' April 2003 u ghalhekk fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssib liz-zewg imputati hatja tal-akkuza ta' ricettazzjoni.

Ikkunsidrat ai fini ta' piena s-segwenti:

Illi l-imputati kkorroboraw mal-Prosekuzzjoni u dan mill-bidu nett tal-investigazzjoni u cioe mill-mument meta rrilaxxjaw l-istqarrija taghhom markat bhala dokumenti DS 1 u DS 2 esibiti fl-atti a fol 12 et seq datati ghoxrin ta' Gunju 1999.

Illi r-res furtiva kollha giet irtirata mill-Prosekuzzjoni tant li tinstab esibita formalment f'dawn il-proceduri markata bhala dokumenti "X", "Y" u "Z" u dan fis-seduta tad-disgha w ghoxrin ta' Lulju 1999 kif jirrizulta a fol 2 tal-atti odjerni, tant li r-res furtiva tista tinghata lura liberament lis-sid legittimu fuq domanda apposita.

Illi s-socjeta li taghha jifformaw parti l-imputati ma sofrew l-ebda hsara monterja.

Illi l-imputat Michael Scicluna ghandu fedina penali indellibbli, bl-ebda tebgha ta' kontravenzjoni jew reat registrat fuqha kif jirrizulta mid-dokument DS 4 esibit fl-atti a fol 17 filwaqt li dik tal-imputat Paul Abela ghandha diversi kontravenzjonijiet ta' portata zghira u xi konvinzjoni dwar ksur tal-Ordinanza tat-Traffiku kif jirrizulta mid-dokument DS 6 esibit a fol 19 tal-atti odjerni.

Illi ghalhekk ghar-ragunijiet premessi ili-Qorti thoss li hemm ragunijiet specjali kif kontemplat fl-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jippermettu lil Qorti tinzel taht l-minimu fl-applikazzjoni ta' piena.

**Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-artikolu tal-ligi u cioe l-artikolu 18 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddecidi li qed ssib lil imputati PAUL ABELA u MICHAEL SCICLUNA hatja tal-akkuza kif addebitata lilhom u tilliberhom bil-kundizzjoni li ma jghamlux reat iehor ghal perjodu ta' tlett snin mill-lum ai termini tal-artikolu 22(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------